

Brussell, 24 ta' Jannar 2024
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0002(NLE)

5361/1/24
REV 1

POLCOM 14
WTO 7
FDI 5

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Nru dok. Cion:	5353/24
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-13-il Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-inkorporazzjoni tal-Ftehim dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investment għall-Iżvilupp fil-Ftehim li Jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ - Adozzjoni

1. Fl-10 ta' Jannar 2024, fil-laqgħa tal-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Esperti - Servizzi u Investment), il-Kummissjoni fakkret li n-negozjati fid-WTO għall-Ftehim dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investment għall-Iżvilupp (Ftehim IFD) kienu tlestew b'suċċess fis-6 ta' Lulju 2023.
2. It-13-il Konferenza Ministerjali tad-WTO tas-26-29 ta' Frar 2024 tista' tiddeċiedi li żżid il-Ftehim IFD mal-Ftehim tad-WTO. Għalhekk il-Kunsill jeħtieġ li jadotta pożizzjoni f'konformità mal-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE (TFUE).

3. Fl-11 ta' Jannar 2024, il-Kummissjoni bagħtet lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill il-Proposta tagħha għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fit-13-il Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar iż-żieda tal-Ftehim dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investment għall-Iżvilupp mal-Ftehim li Jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO)¹.
4. Fis-17 ta' Jannar 2024, il-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Esperti - Servizzi u Investment) approva, permezz ta' konsultazzjoni bil-miktub, il-proposta tal-Kummissjoni, soġġetta għal rieżami mill-ġuristi lingwisti.
5. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u soġġett għal konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill huwa mistieden:
 - jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokument 5362/24; u
 - jieħu nota li l-Parlament Ewropew ser jiġi mgħarraf f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE, u li d-Deċiżjoni tal-Kunsill ser tintbagħat lill-Parlament.

¹ ST 5353/24